MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 100/2001/1

**Andrew u Maria Antonia konjugi Xerri**
**f'isimhom proprio u bhala rapprezentanti legittimi**
**f'isem**
**binhom minuri Matthew Xerri**

**v.**

**Marija Rita sive Marita Mercieca u ghal kull interess**
**li jista' jkollu Raymond Mercieca**

**Il-Qorti:**

**<u>PELIMINARI</u>**

1.1. Dan hu appell interpost mill-konvenuti minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fl-24 ta’ Ottubru 2006 fil-kawza fl-ismijiet premessi, u dan ghal fini ta’ revoka jew riforma skond il-kaz tal-istess sentenza, kif ser jigi elaborat aktar ’il quddiem, u b’dan ukoll li l-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu kontra l-atturi appellati.

1.2. Min-naha taghhom, l-atturi appellati nqdew bl-appell tal-konvenuti biex jinterponu appell incidentali ghal fini ta’ riforma tas-sentenza appellata kif ser jigi wkoll elaborat aktar ’il quddiem.

1.3. Ghal intendiment ahjar u komplet ta’ dana l-appell, qeghdha tigi riportata hawn taht u *in toto* s-sentenza appellata illi fiha l-Qorti tal-ewwel grad irriteniet u ddecidiet hekk:
“Il-Qorti,

“Fic-citazzjoni taghhom l-atturi qalu:

“Illi l-konvenuta Marita Mercieca, waqt li kienet qeghdha ssuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni KBA 668 fi Triq Ta’ Gokk, ix-Xewkija, Ghawdex, fil-5 ta’ Gunju 1998, laqtet lill-attur Matthew Xerri u korrietu gravi; u

“Illi bhala rizultat tal-imsemmi incident l-istess Matthew Xerri tal-eta` ta’ sitt snin fi zmien l-incident, u li llum ghadu minorenni, sofra lezjonijiet personali serjissimi li hallewh dizabilitat b’mod permanenti, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kif jirrizulta wkoll mic-certifikati medici hawn mehmuza; u

“Illi dana l-incident gara minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tas-sewqan da parti tal-istess konvenuta;

“Talbu ghaliex m’ghandhiex il-Qorti:

“1. tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident fuq imsemmi li fih safa’ imwegga Matthew Xerri;

“2. tillikwida d-danni li sofrew l-atturi, kemm ‘damnum emergens’ kif ukoll ‘lucrum cessans’ bhala konsegwenza tal-incident, u dana anka permezz ta’ periti nominandi, jekk il-Qorti jidhrilha li hu l-kaz;

“3. tikkundanna lill-konvenuti jhalsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-8 ta’ Frar 1999 u tal-25 ta’ Mejju 2000 u tal-ittra ufficjali ghan-notifika tal-assikuratur tal-konvenuti ghall-ghanijiet tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta; bl-imghax kontra l-konvenuti li huma minn issa mharrka ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom annessa l-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti;

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

“1. li t-talbiet atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi;

“2. li l-esponenti bl-ebda mod ma kienet responsabbli u l-inqas kienet b’xi mod hatja ghall-incident li wassal ghal din il-kawza;

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Bl-ispejjez

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha annessa l-lista tax-xhieda.

“Rat il-verbal (folio 21) fejn il-Qorti kif hemm preseduta laqghet it-talba ghar-rikuza taghha peress illi l-magistrat inkwirenti fl-inkjesta dwar l-incident in meritu kien l-istess li kien qieghed jippresjedi;

“Rat il-verbal (folio 22) li fih din il-Qorti kif preseduta nnominat lit-tabib specjalista Fredrick Zammit Maempel

sabiex jezamina lit-tifel ghal dak li hu l-grad ta’ dizabilitali seta` sofra;

“Rat id-digriet taghha (folio 122) fejn innominat fuq talba tal-atturi lit-tabiba psikologa Mariella Blackman;

“Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluzi l-atti tal-inkjesta magisterjali, l-atti tal-proceduri kriminali, u n-noti tal-osservazzjonijiet li l-partijiet ghogobhom jipprezentaw.

“Ikkunsidrat:

“Mill-atti tal-kawza jirrizulta ineccepibbilment li konsegwenza tal-incident li gara fil-5 ta’ Gunju 1998 iben l-atturi safa’ korrut gravement. Is-sinistrat kellu dak iz-zmien l-eta ta’ sitt snin u l-incident ‘per se’ sehh fil-waqt li t-tfajjel kien rikeb ir-rota tieghu u spicca jolqot jew gie milqut mill-vettura li kienet qeghdha tigi misjuqa mill-konvenuta Marita Mercieca. Kawza diretta tal-lezjonijiet li sofra fl-incident t-tfajjel tilef b’mod permanenti l-parti tal-pala ta’ siequ x-xellugija b’hekk li sofra dizabbilita` permanenti li t-tabib specjalista nominat minn dina l-Qorti stabbilixxa fi grad ta’ hamsa u tletin fil-mija.

“Il-konvenuta qeghdha tigi azzjonata sabiex thallas d-danni sofferti kemm mill-minuri u kemm mill-atturi, il-genituri tieghu.

“Illi l-iter tal-indagni li din il-Qorti ser issegwi sabiex fl-ahhar tasal ghal-likwidazzjoni, jekk jkun il-kaz, tad-danni, ghandha twassal naturalment li tiddisponi, fl-ewwel lok, mill-fattur tar-responsabbilita` li minhabba l-fattispecje tal-kaz in ezami tehtieg analizi u risolviment tas-segwenti kweziti:

“(a) jekk l-atturi fil-persuni tal-genituri ghandhomx jigu ritenuti responsabbli, parzjalment jew interament, ghall-incident fuq dak li jiddisponi l-Artikolu 1034 tal-Kodici Civili;

“(b) jekk indipendentement jew anka abbinat ma’ l-ewwel kwezit ir-responsabbilita` ghandhiex tigi adossata

interament fuq l-konvenuta minhabba negligenza esklussivament imputabbli lilha jew hix il-konvenuta parzjalment responsabbli minhabba fatturi kontributorji mputabbli lill-istess sinistrat jew ukoll jekk l-incident gara interament tort tal-minuri.  Fl-isvolgiment ta’ dan id-dibattitu l-Qorti m’hix ser tuza xi sekwenza partikolari u ser titratta il-kweziti flimkien.

“Intant il-konvenuta ddeskriviet id-dinamika tal-incident b’dawn il-precizi kliem: “…waqt li kont qeghdha tielgha bi speed baxx hafna, innutajt li fuq il-lemin tieghi kien hemm xi tfal jilaghbu. Hawnhekk nirreferi ghal meta wasalt f’din il-pjazzetta. Innutajt ukoll xi tfal li kellhom rota.  Ilmaht tifel li sgancia ruhu mit-tfal l-ohra.  Rajt lil dan it-tifel jaghmel mossa b’idu lil xi hadd fuq in-naha opposta tieghu fejn kont qed insuq jien.  Meta jiena harist biex nara x’mossa hi, nisma’ daqqa gol-van li kont qeghdha insuq jien. Mal-ewwel ghafast il-pedala tal-brake u waqaft.  Inzilt minn gol-van u lil dan it-tifel li kont innutajt qabel staqsejtu x’gara. U hu hemmhekk, dan it-tifel, qalli li kont tajjart tifel iehor”.

“Illi minn dina s-silta r-responsabbilita` tal-konvenuta tidher lampanti mill-aspett purament civili, li huwa l-aspett li dina l-Qorti hi  msejha tezamina, u f’dan il-kuntest, specifikament ghall-kaz in dizamina, huwa rrilevanti fil-fehma taghha, kif giet deciza l-kawza kriminali kontra l-konvenuta. Dana qeghdha tghidu l-Qorti stante illi mill-aspett tar-responsabbilita’ civili jirrizulta mix-xhieda tal-konvenuta stess li hi ppermettiet li tigi distratta minn mossa li saret minn tifel, li nzerta kien hu s-sinistrat, proprju fil-mument krucjali li l-minuri hareg ghan-nofs it-triq bir-rota. Ir-responsabbilita’ taghha hija, fil-fehma tal-Qorti, manifesta mill-fatt li f’dak il-mument krucjali ma kinitx qeghdha izzomm ‘proper look out’; dan fuq l-istregwa tal-principju li huwa dover ta’ kull sewwieq li jirregola u jadatta s-sewqan tieghu ghal-lok specifiku fejn ikun qieghed isuq kif ukoll ghac-cirkostanzi partikolari ezistenti hemmhekk f’dak il-hin. U akbar ma jkun il-potenzjal u r-riskju ta’ perikolu, akbar huwa l-grad ta’ attenzjoni, diligenza u prudenza fis-sewqan mistennija mis-sewwieq (ara *Appell deciz 7 ta’ Ottubru 2005*). Minn dan li ghadu kif inghad

pero` l-Qorti ma tridx taghti x'tifhem li s-sewqan tal-konvenuta kien wiehed irresponsabbli tant illi fic-cirkostanzi tal-kaz partikolari l-manuvra nkonsulta tal-minuri, li hareg bir-rota fit-trajettorja tal-konvenuta, certament ikkontribwiet ghall-incident. "Jibqa' pero` il-fatt, kif ikkonstatat mill-abbli avukat fl-inkjesta (Dottor Carmelo Galea a pagna 79 f'dawn l-atti) li "il-vizwali mill-van kien jippermetti lill-konvenuta li tinduna bit-tifel dawk il-ftit mumenti aktar kmieni li kien ikollhom importanza vitali li kieku mhux l-attenzjoni taghha giet assorbita interament fit-tfal fuq il-lemin taghha". Kif zied jispjega l-abbli Avukat "il-genb tax-xellug tal-vettura tal-konvenuta kien xi ghaxar piedi mit-truck ipparkjat. Is-sewwieqa (ossija l-konvenuta) kienet fuq in-naha tal-lemin tal-vettura taghha (din hija right hand drive) u ghalhekk il-konvenuta kienet xi hmistax-il pied 'il barra mit-truck". Zied wkoll jispiega ma' dan illi l-impatt sar ftit aktar 'il quddiem mit-truck li jfisser illi l-konvenuta setghet tinduna bit-tifel diversi metri aktar 'il quddiem minfejn gara l-impatt (idem).

"Ikkunsidrat:

"Illi n-nuqqas ta' sorveljanza tal-genituri tal-minuri, wkoll atturi de proprio f'din il-kawza, m'huwiex fattur sufficjenti biex wahdu jeskludi r-responsabbilita` tal-konvenuta fl-incident meritu l-kawza izda jista' ikollu sehem rilevanti. L-Artikolu 1034 tal-Kodici Civili jiddisponi illi "kull min ghandu l-hsieb ta' wiehed minuri … hu obbligat ghall-hsara li jaghmel il-minuri … meta huwa ma jkunx ha hsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix" u l-artikolu immedjatament wara jiddistingwi bejn dawk il-minuri li ma jkunux ghadhom ghalqu l-eta` ta' disa' snin u dawk li ma jkunux ghadhom ghalqu l-eta` ta' erbatax-il sena u jzomm ferm ir-responsabbilita` 'in vigilando' imfissra fl-artikolu ta' qabel kwantu ghad-danni maghmula minn dawn il-minuri lil terzi. Fis-sentenza riportata a *Vol.L1.ii.618*, li trattat principji li huma ta' rilevanza f'din il-materja u li din il-Qorti qeghdha tadotta u tadatta ghall-istat attwali tal-ligi, jintqal li: "dina tal-genituri hija responsabbilita' principali; infatti mhux il-prezenza materjali tal-genituri li tirrendihom responsabbli izda d-direzzjoni u l-kura li ghandhom skond il-ligi tat-tfal minuri li torbothom". Dik il-Qorti riproduciet

wkoll silta mill-Chironi* li afferma illi "...l a mancanza della sorveglianza da' luogo alla colpa". Imma mhux biss, ghaliex anka fejn l-ebda hsara materjali ma tigi kawzata mill-minuri, il-fatt 'per se' tal-korriment tieghu, ghandha mhux biss il-potenzjal, izda tista', fil-kazijiet kongruwi, tikkonstitwixxi dik l-hsara li ghaliha tkun passibbli parti l-ohra.

"Illi fil-kaz in dizamina l-fatti li hargu mill-provi huma illi fil-hin tal-incident il-genituri tal-minuri nzertaw it-tnejn assenti mid-dar. Difatti l-omm kienet harget ghax-xoghol ftit tal-hin qabel u l-missier kien proprju qed jirritorna d-dar minn fuq ix-xoghol. Inzerta pero` li dakinhar minhabba li l-missier kien qal lil martu meta din cemplitlu biex tghidlu li kienet ser titlaq ghax-xoghol, u l-missier kien irrispondieha li hu kien qieghed jaghlaq il-fabbrika u kien ser jghamel ritorn lejn id-dar, sar diversament minn dak li kien jigri drabi ohra, u l-minuri thalla d-dar flimkien ma huh, ftit akbar minnu, u ohthom ta' sittax-il sena, bir-roti liberament disponibbli fl-entrata tal-korp tal-appartamenti. Din l-inavvedutezza kkontribwit wkoll ghall-incident kunsidrat li l-minuri kien ghadu novizz fuq ir-rota u kien precedentement saq ir-roti fil-pjazza anka jekk taht is-sorveljanza ta' ommu, kif stqarret l-istess omm.

"Illi dan kollu fuq espost jinduci lil din il-Qorti li targina l-grad ta' responsabbilita' tal-konvenuta ghall-incident meritu dina l-kawza u tistabbilieh fil-grad ta' sebghin fil-mija (70%)."

"Ikkunsidrat:

"Illi jonqos issa li jigu likwidati d-danni, kemm dawk emergenti u kemm il-lukri cessanti, derivanti mill-fatt tal-korriment u konsegwenti dizabbilita` sofferta mill-minuri.

"Illi ghal dawk li huma danni emergenti:

"(a) relatati ghall-minuri – huma sostanzjalment imfissra fil-prospett folio 175 et seq li b'referenza ghalihom il-Qorti qeghdha taccetta s-segwenti partiti:

- “is-somma ndikata fl-ewwel partita fl-intier taghha anka sabiex tikkumpensa ghal kull eventwali spejjez addizjonali li per necessita’ ikollhom jigu sborsati sabiex jaghmlu front ghad-dizabbilita` u l-bzonn ta’ kambjament ta’ hwejjeg il-minuri aktar frekwenti – ghalhekk fis-somma komplessiva ta’ mitejn u tnejn u erbghin lira Maltin (**Lm242);**

- “idem l-ammont indikat fit-tieni partita fis-somma ta’ erba’ mija u hamsa u hamsin lira Maltin (**Lm455);**

- “l-ammont indikat fit-tielet partita fis-somma ta’ disgha u disghin lira Maltin (**Lm99);**

- “wkoll l-ammont indikat fit-tmien u l-ghaxar partiti li flimkien jammontaw ghal mija u seba’ liri Maltin (**Lm107);**

- “rigward d-disa’ partita din wkoll ghandha tigi accettata izda limitatament fis-somma effettivament sborsata, ossija ta’ hamsa u erbghin lira Maltin (**Lm45);**

- “f’somma ulterjuri ta’ elfejn lira Maltin (**Lm2000)** ‘arbitrio boni viri’ in via ta’ kumpens ghall-spejjez ancillari komprizi trattament terapewtiku u psikologiku.

“(b) relatati ma’ l-omm –

- “fi spejjez ta’ medicini u konsulti fis-somma ta’ mitejn u sitta u hamsin lira Maltin (**Lm256);**

- “fis-somma ta’ elf lira Maltin (**Lm1000)** kalkulata fuq bazi ta’ sentejn, konsiderat l-eta` tal-minuri meta korra;

“Illi ghal dawk li huma l-lukri cessanti huma jikkoncernaw il-minuri biss, billi l-provi ma jwasslux biex jippruvaw xi dizabbilita` sofferta minn hadd mill-genituri, jew wkoll danni, oltre dawk gia kkunsidrati, li jistghu verosimilment jaffettwaw il-kapacita’ ta’ introjtu ta’ xi wiehed minnhom.

“Kwindi, u relattivament ghal dan it-tip ta’ dannu soffert mill-minuri, hemm abbundanza ta’ provi, u mhux biss tal-espert tabib specjalista nominat fil-kawza, illi l-percentwali ta’ disabilitali sofra l-minuri hija kwantifikabbli fil-grad ta’ hamsa u tletin fil-mija (35%). L-atturi jinsistu li din il-percentwali ghandha toghla biex tirrifletti ukoll id-dizabbilita` psikologika li mhux eskluz li l-aspett taghha tista’ tikkonsisti f’dizabbilita` permanenti; jigifieri li d-danni jistghu jkunu u jikkonsistu wkoll f’dizabbilita` permanenti li tigi minn kundizzjoni permanenti psikologika u mhux biss fizika. Iz-zewg kriterji generali li l-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jaghmel referenza specifika (izda mhux tassattiva) fl-ambitu tal-likwidazzjoni tad-danni huma li fl-isfond tac-cirkostanzi tal-kaz jittiehed qies partikolari tax-xorta u grad ta’ inkapacita’ kkagunata u l-kundizzjoni tal-parti li tbati l-hsara. Mill-aspett fizjonomiku l-kaz ma joffri ebda diffikulta’ partikolari billi d-dizabbilita` hija fic-cirkostanzi altru li cara. Mhux hekk ukoll mill-aspett psikologiku li huwa, fl-istat attwali tal-affarjiet, wiehed astratt li possibilment biss jista’ javvera ruhu fil-futur u jekk xejn huwa dipendenti mill-motivazzjonijiet li jigu impartiti mill-(u) lill-minuri fejn il-konvenuta m’ghandha l-ebda vuci in kapitolu. L-unika haga certa f’dan l-istadju hu li d-dizabbilita` timplika ghall-minuri nuqqas ta’ xi opportunitajiet ta’ xoghol futur. Kunsidrat kollox ma’ kollox din il-Qorti jidhrilha li l-grad ta’ dizabbilita` riskondrata hija f’mizura tali li tassorbi kull dizabbilita` psikologika, kkunsidrat ukoll dak li qalet aktar ‘il fuq meta llikwidat id-danni emergenti. Bhala bazi fil-kwantifikazzjoni tad-danni l-Qorti ghalhekk jidhrilha li, in omagg ghall-principju li l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li tpoggi lill-persuna li tkun soffriethom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma jkun gralu xejn, hi tal-fehma li ghandha tadotta ‘multiplikant’ ta’ hamsin sena u introjtu ta’ hamest elef lira (Lm5000) fis-sena, tenut kont tac-‘changes and chances’ tal-hajja. Qeghdha konsegwentement tillikwida l-lukri cessanti fis-somma ta’ tnejn u sittin elf lira Maltin (Lm62,000) u d-‘damnum emergens’ fis-somma ta’ elfejn disa’ mija u hamsin lira Maltin (Lm2,950) (ammont sborsabbli mill-atturi) b’aggunta ta’ elf mitejn u sitta u hamsin lira Maltin (Lm1,256) (din l-ahhar spettanti lill-attrici, omm il-minuri) kif fuq spjegat.

"Illi mis-somma likwidata talukri cessanti qeghdha tnaqqas l-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000) (cirka wiehed u nofs fil-mija) bhala 'lump sum payment'.

"Tilqa' ghalhekk it-talbiet tal-atturi fuq l-iskorta ta' dak fuq premess billi:

"1. tiddikjara u ssib il-konvenuta responsabbli fil-percentwali ta' sebghin fil-mija (70%) ghall-incident meritu l-kawza;

"2. tillikwida l-ammont ta' wiehed u sittin elf lira (Lm61,000) in linja talukri cessanti dovuti lill-minuri;

"3. tillikwida l-ammont ta' erbat elef u mitejn liri maltin (Lm4,200) in linja ta' 'damnum emergens'

"4. tikkundanna lill-konvenuta li thallas l-ammont rizultanti u hawn likwidati lill-atturi.

"Kwantu ghall-ispejjez tal-kawza tiddeciedi li l-atturi ghandhom isofru terz minnhom waqt ir-rimanenti zewg terzi ghandhom ikunu a karigu tal-konvenuta."

**L-APPELL TAL-KONVENUTI**

2.1. Il-konvenuti hassewhom aggravati b'din is-sentenza u interponew appell minnha ghal quddiem din il-Qorti fejn huma talbuha li:

"... ... ... tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-24 ta' Ottubru 2006 u tiddikjara illi l-konvenuta m'hijiex responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi u tiddeciedi illi ghall-istess incident u/jew ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi kienu totalment u unikament responsabbli l-atturi Anthony u Maria Antonia konjugi Xerri, jew inkella, alternattivament u sussidjarjament, tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-konvenuta hija responsabbli ghall-istess incident f'persentagg inqas minn dak ta' 70%, bil-mod kif jirrizulta lil din il-Qorti; u f'dan il-kaz ukoll hija tirriforma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-Kap tal-likwidazzjoni tad-danni

u tillikwida l-istess danni f'ammont inferjuri ghar-ragunijiet kif imfissra f'dan l-appell .... bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi."

2.2. L-aggravji, redatti f'forma ferm estensiva, min-naha tal-konvenuti jistghu jigu migburin fis-segwenti punti:-

(i) Illi r-ragonament u l-apprezzament tal-fatti dwar l-incident *de quo* maghmul mill-ewwel Qorti tal-provi prodotti kienu skorretti u zbaljati. Bil-maqlub ta' dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti, il-konvenuta appellanta ma kellha l-ebda involviment jew responsabbilita` ghall-incident in ezami. Anzi, dak li jirrizulta huwa li waqt l-incident, il-konvenuta kienet qeghda ssuq bil-galbu u bil-prudenza kollha, kif huwa rikjest mil-ligi. F'dan ir-rigward il-konvenuti jaghtu u jaghmlu l-apprezzament taghhom dwar kif sehh l-incident (hekk ara r-rikors ta' appell) in dizamina.

(ii) Fit-tieni lok, filwaqt li l-konvenuti jaqblu mal-fatt illi l-ewwel Qorti sabet htija anki fil-genituri tal-vittma, huma jilmentaw li l-istess Qorti pero` "ma osservatx bizzejjed il-gravita` tar-responsabbilta` taghhom" f'dan ir-rigward. Skond l-appellanti, il-htija ghall-akkadut kellha tmur <u>kollha</u> fuq l-istess genituri u f'dan il-kuntest jaghmlu riferenza ghall-Artikolu 1034 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Mhux talli l-atturi "ma rribadewx (sic) il-presunzjoni tal-Artikolu 1034 u ma ppruvawx li hadu l-prekawzjonijiet kollha possibbli biex ma jigrix l-incident, talli addirittura holqu l-okkazjoni biex jigri proprju dak li sfortunatament gara". Ir-responsabbilita` tal-genituri f'dan il-kaz ghalhekk "hija evidenti u ovvja", isostnu l-konvenuti appellanti.

(iii) Bla pregudizzju ghas-suespost, aggravju iehor huwa li jekk il-Qorti kellu jidhrilha li hemm kontributorjeta` da parti tal-konvenuta dwar responsabbilita`, dina zgur ma kellux jigi meqjus f'percentwal daqstant elevat ta' sebghin fil-mija (70%) kontriha izda f'ohra ferm anqas minn hekk.

(iv) Fir-raba' lok, f'kull kaz id-danni emergenti li gew likwidati mill-ewwel Qorti jew ma humiex kollha dovuti u/jew esagerati f'partijiet ohrajn. F'kull kaz ukoll, il-

percentwal ghal fini ta’ htija kontributorja lanqas ma gie mehud in konsiderazzjoni taht dana l-aspett.

(v) Fil-hames lok, u dejjem bla pregudizzju, l-appellanti jillanjaw ukoll mil-likwidazzjoni maghmula tal-lukri cessanti fir-rigward tal-minuri kif gew ikkomputati mill-ewwel Qorti. Huma jsemmu diversi aspetti rigwardanti l-likwidazzjoni bhalma huma s-salarju baziku tal-vittma, il-“multiplier” addottat mill-ewwel Qorti u d-deduzzjoni “mizera” ta’ 1.5% fil-mija minhabba hlas “lump sum”. Anki l-ammont totali gie arrotondat a detriment taghhom.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-APPELL TAL-ATTURI PROPRIO ET NOMINE</u>**

3.1. L-atturi proprio et nomine wiegbu li s-sentenza appellata, hlief fil-partijiet li sejrin jissemmew aktar ’il quddiem ghall-finijiet tal-appell incidentali, hija wahda gusta u timmerita konferma. Skond l-atturi pero` din is-sentenza kellha “tigi mhassra fejn sabet illi kien hemm htija kontributorja min-naha tal-atturi.” Il-htija <u>kollha</u> tal-incident *de quo* kienet tal-konvenuta wahidha, u s-sentenza ghandha wkoll tigi riformata fejn saret il-likwidazzjoni tad-danni “billi dawn ghandhom jigu likwidati f’somma akbar”.

3.2. L-appellati pro et nomine jimbarkaw imbaghad fuq ezercizzju dettaljat biex juru lill-Qorti kemm il-htija totali ghas-sinistru in ezami kienet attribwibbli unikament ghall-konvenuta, jigifieri “in-nuqqas ta’ attenzjoni tal-konvenuta li, minhabba d-distrazzjoni taghha, ma ratx dak li kien hemm quddiemha”. Kwindi jsegwi, skond l-appellati, li ebda htija kontributorja ma setghet tinxtehet fuqhom. Dwar id-danni emergenti l-appellati jsostnu li dawn mhux talli kienu dovuti “imma” kellhom ikunu f’somma ferm akbar minn kif attwalment gie likwidat, peress li l-likwidazzjoni maghmula kienet wahda konservattiva. Dwar il-lukru cessanti, l-ammont finalment likwidat mill-ewwel Qorti huwa aspett li huma jittrattawh ampjament fl-appell incidentali billi huma jidhrilhom li ghalkemm jimmerita riforma, tali riforma kellha tissarraf f’likwidazzjoni oghla u akbar minn kif gie skorrettement ikkalkolat mill-ewwel Qorti. Ghalhekk l-appell principali tal-konvenuta

ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghha, u kellha ssir riforma skond kif jelaboraw u talbu permezz tal-appell incidentali taghhom.

**DWAR L-APPELL INCIDENTALI TAL-ATTURI PROPRIO ET NOMINE**

4. L-atturi proprio et nomine hassewhom aggravati mill-partijiet segwenti tas-sentenza tal-ewwel Qorti, jigifieri:

(i) Mill-parti fejn tghid li l-konvenuta ghandha biss sebghin fil-mija (70%) mill-htija, in kwantu l-ewwel Qorti sabet li nuqqas min-naha tal-atturi *qua* genituri tal-minuri jnaqqas ir-responsabbilita` tal-konvenuta. Kif gia` ntqal, *supra*, huma jsostnu li ezami tal-fatti juri li r-responsabbilita` ghall-akkadut kienet unikament tal-konvenuta u mhux tal-vittma.

(ii) Ma kenitx ghalhekk korretta l-ewwel Qorti meta hija rriteniet illi “il-grad ta’ dizabilita` riskondrata hija f’mizura tali li tassorbi kull dizabilta` psikologika”. Din id-dizabilta` psikologika li giet stmata f’percentwal ta’ 35% kienet tmur “oltre dik fizika” u kellha ghalhekk tigi vvalutata wkoll indipendentement mid-dizabilita` purament fizika.

(iii) Dwar likwidazzjoni tad-“damnum emergens” kien hemm numru ta’ “items” li huma sorretti anke b’ricevuti u ritratti, li gew injorati mill-ewwel Qorti bla raguni ta’ xejn. Ghalhekk il-partiti indikati min-numru 4 sa 7 fil-prospett a fol. 175 *et seq.* tal-process kellhom jigu maghduda wkoll bhala parti mid-danni emergenti.

(iv) L-ammont ta’ Lm5,000 ghal fini ta’ qliegh annwali medju huwa “ftit wisq, u xejn realistiku”. Dan kellu jkun wiehed akbar, isostnu l-atturi.

(v) Fl-ahharnett, l-appellati ma jaqblux fl-ispartizzjoni tal-kap tal-ispejjez, jigifieri dak ta’ terzi ghall-attur u zewg terzi ghall-konvenuti, billi *se mai* dan kellu jzomm l-istess proporzjoni dwar il-htija jigifieri tletin fil-mija (30%) tal-atturi u sebghin fil-mija (70%) ghall-konvenuti. Anzi, huma

jikkontendu li, *dato* li l-htija kienet kollha tal-konvenuta Marita Mercieca wahidha, l-ispejjez ghandhom ihallsuhom kollha l-konvenuti.

**<u>IR-RISPOSTA TAL-KONVENUTI GHALL-APPELL INCIDENTALI TAL-ATTURI PROPRIO ET NOMINE</u>**

5. Il-konvenuti min-naha taghhom wiegbu li l-appell incidentali tal-atturi proprio et nomine ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontrihom. Bhala genituri, l-atturi kellhom l-obbligu legali li ma jhallux tfal minuri mhux sorveljati. Kellhom ukoll l-obbligu li ma jgibux lil uliedhom f'sitwazzjonijiet perikoluzi ghalihom. F'dan il-kaz huma "sahansitra hallewhom b'rota disponibbli wara l-bieb, biex biha jmorru jiggerrew fit-triq jiffaccjaw irwiehhom mat-traffiku li jkun hemm". Il-minuri lanqas kien isuq b'mod prudenti. L-atturi ghandhom jerfghu huma r-responsabbilita` ghas-sinistru, u dan mhux f'percentwal ta' tletin fil-mija (30%) imma fl-intier taghha.

Dwar it-tieni aggravju, jigifieri dwar id-dizabilta` "psikologika" sofferta mill-minuri, ir-ragjonament tal-ewwel Qorti kien gustifikat u korrett. Wiehed ma jistax izid fuq percentwal ta' dizabilta` sakemm din ma tirrizultax konkretament ippruvata. Barra minn dan il-mod kif xehdet il-psikologa kien wiehed "inkoerenti" u "kontradicenti" (sic!) u l-ewwel Qorti ghamlet sew li ma qaghditx fuq il-grad ta' dizabilta` suggerit minn din l-esperta.

Dwar it-tielet aggravju, jigifieri dwar id-*damnum emergens*, l-ewwel Qorti kienet gustifikata li tinkludi l-parti l-kbira tal-ispejjez taht dan l-aspett mas-somma stabbilita` *arbitrio buoni viri.*

Dwar ic-cifra ta' Lm5,000 bhala qliegh baziku annwali huma gia` sostnew li din kienet wahda eccessiva, specjalment f'kaz bhal dak in ezami fejn id-dhul potenzjali kien ghadu wiehed indeterminat.

Dwar l-ahhar aggravju, huma jissottomettu li l-kap tal-ispejjez kif determinat fis-sentenza kien "jirrifletti proprju l-

apporzjonament tar-responsabbilita` ghall-incident *de quo* kif stabbilit mill-istess Qorti."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Dan l-appell jirrigwarda incident tat-traffiku li gara fil-jum tal-5 ta' Gunju 1988 fi Triq Ta' Gokk, ix-Xewkija, Ghawdex, ghall-habta tas-7p.m. F'dan l-incident safa' korrut gravement il-minuri Matthew Xerri, li dak iz-zmien huwa kellu biss hames snin u nofs u dan peress li l-imsemmi Matthew Xerri, iben l-atturi, safa' milqut minn van bin-numru tar-registrazzjoni KBA 668 tal-ghamla Nissan Vanette misjuq dak il-hin mill-konvenuta Marija Rita sive Marita Mercieca ta' tletin (30) sena. L-incident sehh meta l-minuri kien isuq rota fit-triq flimkien ma' huh Aidan, akbar minnu fl-eta`, flimkien ma' tfal ohrajn. In konsegwenza ta' dan l-incident, il-vittma tilef il-parti ta' isfel ta' riglu li giet fil-fatt amputata fil-livell tal-ghaksa u llum dan it-tifel qieghed jaghmel uzu minn protesi – sieq artificjali – ara ritratti markati Dok MRX 6 u Dok MRX 7, a fol. 389 u fol. 390 tal-process.

7. Kif jemergi mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-ewwel grad, dik il-Qorti sabet htijiet kemm fuq naha u kemm fuq ohra, fi proporzjonijiet pero` differenti fis-sens li hija akkollat responsabbilita` ghas-sinistru f'percentwal ta' sebghin fil-mija (70%) fuq il-konvenuta u tletin fil-mija (30%) fuq l-atturi. Kwantu ghal-likwidazzjoni tad-danni, l-ewwel Qorti illikwidat finalment u komplessivament l-ammont ta' Lm4,200 (valuta vigenti f'dak iz-zmien tal-prolazzjoni tas-sentenza) bhala danni emergenti u Lm61,000 bhala *lucrum cessans*, u b'dan li l-ispejjez kellhom jigu spartiti kwantu ghal terz ($^1/_3$) a kariku tal-atturi u zewg terzi ($^2/_3$) ghall-konvenuti.

8. Minn dak li jemergi kemm mir-rikors ta' appell tal-konvenuti kif ukoll minn dak li jemergi mill-appell incidentali, jirrizulta li ghalkemm kemm naha u kemm ohra qeghdin jitolbu riforma tas-sentenza minn kif moghtija, effettivament pero` jidher li l-partijiet qeghdin jitolbu <u>riforma radikali minn kif gie deciz</u> mill-Qorti tal-ewwel grad. Dan ghaliex filwaqt li l-atturi huma tal-fehma li l-konvenuta

kienet tahti unikament u totalment ghas-sinistru, il-konvenuta, bil-maqlub, issostni li hija ma kienet bl-ebda mod responsabbli u li l-htija unika u totali ghall-incident *de quo* kienet tinkombi fuq l-atturi. Sussidjarjament, imbaghad, kemm naha u kemm ohra imbarkaw fuq argumentazzjonijiet twal u dettaljati – f'certi partijiet anki jintilfu fi tfettieq esagerat ("nit-picking") – biex juru mhux biss li l-percentwal tad-dizabbilita` kellu *se mai* ikun fi proporzjon differenti minn kif gie stabbilit, imma li wkoll certi partiti f'dawk li huma danni emergenti messhom jew messhomx, skond il-kaz, gew inkluzi jew skartati, mizjuda jew ridotti. Il-partijiet similment ma jaqblux li s-somma ta Lm5,000, fil-kaz ta' sejbien ta' htija, kellha sservi bhala bazi tajba ghal fini tal-iffissar tal-*lucrum cessans*, billi naha wahda (l-atturi) issostni li kienet somma baxxa wisq, u n-naha l-ohra (il-konvenuti) issostni li kienet wahda ferm eccessiva. Bl-istess mod akkanit hemm ilmenti miz-zewg nahat dwar il-grad tad-dizabilta` permanenti sofferta mill-minuri, bil-konvenuta issostni li xejn ma kien dovut minnha ghax hija ma kienet tahti ghal xejn, filwaqt li l-atturi jikkontendu li l-percentwal ta' 35% iffissat mill-ewwel Qorti skarta ghal kollox l-aspett psikologiku li, skond l-esperta nominata mill-Qorti, kien addirittura jammonta ghal 70%. Fl-ahharnett, l-atturi jillanjaw ukoll mill-fatt li l-kap tal-ispejjez *se mai* kellu jinqasam b'mod li jirrifletti ezattament l-istess proporzjon ta' 70:30, u mhux ikun fi proporzjon ta' terz u zewg terzi. Jizdied mas-suespost argument iehor tal-konvenuta li d-*damnum emergens*, oltre li hu wiehed skorrett, gie addottat minghajr tnaqqis li jirrifletti il-proporzjon tal-htija, filwaqt li t-tnaqqis ta' Lm1,000 minhabba "lump sum payment" kien wiehed mizeru. Is-suespost huwa biss sunt tad-diversi lanjanzi tal-partijiet u lanqas ma huwa ezawrjenti billi, kif gia` qalet din il-Qorti, il-partijiet jidhlu f'hafna irqaqat billi jfettqu u jikkummentaw fuq kull parti minn dak li gie deciz mill-ewwel Qorti.

9. Minn qari akkurat u approfondit tal-atti tal-kawza, jirrizulta b'mod mill-aktar evidenti li kull parti ghamlet l-almu kollu taghha biex tixhet il-htija fuq il-parti l-ohra ghal dak li sfortunament gara in konsegwenza ta' dan l-incident. Dan l-istess akkaniment kompla jipperdura anke fl-istadju ta' appell, minghajr pero` ma kien hemm xi

eccessi ta' natura etika min-naha tal-abili difensuri tal-partijiet. L-uniku nuqqas, jekk jista' jissejjah hekk, huwa dak li l-ewwel Qorti m'gharfitx izzomm kontroll shih u kontinwu fuq id-deposizzjonijiet u provi ohra li gew prodotti ad oltranza, b'mod li finalment dan il-process assuma proporzjoni ta' *cause celebre.*

10. L-incident *de quo* fih innifsu ma jipprezentax xi diffikultajiet singolari biex jigi rizolt ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' responsabbilta` ta' natura civili. Ta' min jghid, ghalkemm dan m'ghandux jincidi fuq din il-procedura minhabba l-indipendenza tal-azzjoni kriminali minn dik civili u l-grad tal-prova rikjesta fil-kamp kriminali, li l-konvenuta Marita Mercieca giet misjuba mhux hatja fil-proceduri kriminali – ara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Dicembru, 2001, minkejja li skond l-espert legali nominat fl-inkjesta biex jassisti l-magistrat inkwirenti kien irriskondra nuqqas da parti tal-konvenuta li zzomm "a proper look-out".

11. Din il-Qorti, wara li hadet kont tal-provi kollha prodotti kif ukoll tas-sottomissjonijiet estensivi kemm ta' naha u kemm ta' ohra dwar kif sehh l-incident in dizamina, hija tal-fehma, u f'dan is-sens qeghda taqbel ma' l-ewwel Qorti, li kien hemm htija ghal dak li gara kemm min-naha tal-minuri Matthew Xerri, kemm ukoll min-naha tal-konvenuta. M'hemmx dubju li deposizzjoni partikolari, ossija silta minnha, li tixhet dawl sew fuq id-dinamika tal-incident hija dik moghtija mill-konvenuta stess u li giet citata mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Din is-silta hija importanti u rilevanti hafna u fiha jinghad hekk:
"... ... ... waqt li kont qeghdha tiela bi *speed* baxx hafna, innutajt li fuq il-lemin tieghi kien hemm xi tfal jilaghbu. Hawnhekk nirreferi ghal meta wasalt f'din il-pjazzetta. Innutajt ukoll xi tfal li kellhom rota. Ilmaht tifel li zgancja ruhu mit-tfal l-ohra. Rajt lil dan it-tifel jaghmel mossa b'idu lil xi hadd fuq in-naha opposta tieghu fejn kont qed insuq jien. Meta jiena harist biex nara x'mossa hi, nisma' daqqa gol-van li kont qeghda nsuq jien. Mal-ewwel ghafast il-pedala tal-'brake' u waqaft. Inzilt minn gol-vann u lil dan

it-tifel li kont innutajt qabel staqsejtu x'gara. U hu hemmhekk, dan it-tifel, qalli li kont tajjart tifel iehor."

12. Issa ghandu jinghad li ma hemm assolutament ebda prova li kien hemm xi sewqan esagerat jew minimament eccessiv da parti tal-konvenuta. Ma jistax pero` jinghad l-istess ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-htiega taz-zamma ta' "a proper look-out". U hawn hu sewwa sew, fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti, li naqqset gravement il-konvenuta. Il-prezenza ta' tfal isuqu r-roti mnejn kienet ghaddejja ssuq, u s-senjalazzjoni li rat lil hu l-vittma, Aidan Xerri, jaghmel b'idejh messhom servew ta' avvertiment bizzejjed ghall-konvenuta li jew addirittura twaqqaf il-vettura jew tirrallentaha b'mod biex tkun f'posizzjoni ta' kontroll ghal dak li seta' jinqala' fic-cirkostanzi. Dak li jidher li gara hu li minflok li hija ziedet is-sens ta' diligenza u prudenza fis-sewqan taghha, il-konvenuta giet distratta mill-prezenza tat-tfal bir-roti u tilfet kont ta' dak li seta' kien hemm fil-vicinanzi immedjati taghha. Jekk sewwieq, per ezempju, jilmah ballun jitgerbeb lejn nofs it-triq, il-prudenza tesigi li dan jirrallenta s-sewqan u jawmenta d-diligenza tieghu f'dik li hija "proper look-out". Huwa minnu li fuq in-naha tax-xellug tal-karreggjata mnejn kienet ghaddejja ssuq il-konvenuta kien hemm trakk parkeggjat li seta' serva biex il-minuri ma jarax sew jew ghal kollox it-traffiku li kien gej min-naha tal-lemin tieghu <u>imma ma jirrizultax li kien ta' ostakolu f'dik li hija vizwali ghall-konvenuta</u> (ara wkoll pjanta Dok A jew Dok. AX, a fol. 40 tal-process). L-atturi riedu jaghtu lill-Qorti x'tifhem li l-konvenuta kellha distrazzjoni ohra ttellifha konsistenti mill-fatt li possibilment ir-radju tal-karozza misjuqa minnha seta' kien mixghul b'volum gholi. Dan il-fatt pero` ma jirrizultax ippruvat sufficjentement. Seta' wkoll kien il-kaz, kif spjegat il-konvenuta, li t-tifla li kellha riekba hdejha dawret in-"knob" tar-radju, filwaqt li stqarret inoltre li lanqas setghet tikkonferma jekk kienx mixghul jew le. Hu x'inhu hemm provi bizzejjed biex jiddimostraw nuqqas ta' "proper look-out" min-naha tal-konvenuta li kkontribwixxa b'mod sostanzjali ghas-sinistru. Fil-fatt il-konvenuta sahansitra tistqarr li saret ghall-ewwel darba konxja tal-prezenza tal-minuri Matthew Xerri meta hija hasset xi haga tahbat mal-vettura taghha. Is-sentenza appellata

tkopri sew dan l-aspett tal-incident u mhuwiex il-kaz li joqghod jigi ripetut hafna dettal.

13. Nigu issa biex naraw jekk kienx hemm tassew kontributorjeta` da parti tal-minuri, u fil-kaz li iva, fuq il-genituri tieghu, l-atturi, bhala l-persuni legalment responsabbli minnu a tenur tal-Artikolu 1034 tal-Kap. 16. Skond il-ligi civili taghna, kull min ghandu l-hsieb ta' persuna minuri, huwa obbligat ghall-hsara li jaghmel l-istess minuri, meta huwa ma jkunx ha hsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix. Mill-provi jirrizulta li la l-missier u lanqas l-omm (li kienet ukoll tahdem bhal zewgha) ma kienu jinsabu d-dar. Fid-dar kien hemm il-minuri Matthew (il-vittma), u huh Aidan ta' madwar hdax-il sena u ohthom ta' sittax-il sena. Jirrizulta li kien hemm roti (bicycles) liberament disponibbli ghat-tfal u fil-fatt jidher li z-zewg subien ghamlu uzu minnhom billi hargu b'wahda kull wiehed barra minn darhom, fejn inoltre kien hemm tfal ohrajn fuq ir-rota bhalhom. L-attrici Maria Antonia Xerri, omm il-minuri, xehdet fis-sens li kull meta wliedha hargu bir-rota, almenu Matthew, dan kien ikun fil-kumpanija ta' missieru. Din il-Qorti pero` ma hijiex daqstant konvinta mill-veracita` ta' dan il-fatt. Per ezempju, ix-xhud Doris Curmi, prodotta mill-konvenuta (fol. 345 tal-process) xehdet (b'riferenza ghat-tfal tal-atturi) li,

"Gieli rajthom bir-rota hemm barra, jigu lejn tieghi wkoll kienu... ..."

L-abli difensur tal-atturi ghamlet l-almu taghha biex in kontro ezami twaqqa' din il-parti tax-xiehda ta' Curmi imma, fil-fehma tal-Qorti, dak li xehdet Curmi ghandu aktar mill-verita` milli xort'ohra. Ghall-kuntrarju ta' dan kollu, l-attrici sostniet li din kienet, skond hi, proprju l-ewwel darba li t-tfal azzardaw johorgu barra wehidhom fit-triq bir-rota, imma kif gia` ntqal din il-Qorti m'hijiex konvinta li tassew hekk kienu l-fatti. Li huwa cert hu li fil-hin li sehh l-incident, minkejja l-prezenza ta' ohthom, is-subien setghu liberament johorgu barra fit-triq rekbin bir-rota separatment. Jirrizulta inoltre li wara l-incident, l-attrici lanqas rat il-htiega li tistaqsi lil bintha kif kien li s-subien, wiehed ta' hames snin u l-iehor ta' hdax-il sena,

hargu barra bir-rota u jekk hadux xi permess minn ghandha. Skond l-attrici (ara fol. 313, in kontro ezami, il-posizzjoni kienet is-segwenti:
"Qatt ma hargu x'hin ma kontx inkun hemm jiena. Kien jigi missierhom ftit wara li nohrog jiena u kien ihallihom, kien qed jitghallem ir-rota. Missieru kien qed jghallmu r-rota gol-pjazza."

Fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti, il-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti dwar kontributorjeta` kienet wahda sia gusta kif ukoll korretta. Minn dan isegwi, b'riferenza kemm ghall-appell principali kif ukoll ghall-appell incidentali illi taht dana l-aspett, dak li gie deciz mill-ewwel Qorti kien korrett u kemm naha u kemm ohra m'ghandhom ebda raguni f'din il-parti ta' l-aggravji rispettivi taghhom.

14.1. Nigu issa ghall-kwistjoni l-ohra dwar il-proporzjon tar-responsabbilta`. Il-partijiet kontendenti lanqas jaqblu dwar dan it-tieni aspett. Diga` ntqal li skond l-atturi huma jidhrilhom li ma kellhom htija ta' xejn u diga` gie ritenut mill-Qorti li dan l-aggravju huwa infondat. Il-konvenuta pero`, ghalkemm hija wkoll issostni li ma kienet tahti xejn, in linja sussidjarja zzid telabora li *se mai* il-kontributorjeta` min-naha avversa kellha tkun f'percentwal oghla minn dak ta' (30%) tletin fil-mija kif iddecidiet l-ewwel Qorti.

14.2. Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul dwar dan l-aggravju, u ghalkemm jidhrilha li percentwal ta' 70% bhala htija attribwibbli lill-konvenuta kien wiehed gholi sew, madankollu ma thossx li hemm ragunijiet sodi bizzejjed biex jinducuha tvarja, billi tirriduci 'l isfel, dan il-percentwal u tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata in propozitu mill-ewwel Qorti. Sakemm ma tkunx ser issir xi ingustizzja manifesta, din il-Qorti m'hijiex tenuta li toqghod tissostitwixxi l-arbitriju taghha ghal dak li jkun gie ezercitat mill-ewwel Qorti, meta l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti jkun jidher wiehed gust u ekwu. Ghalhekk il-lanjanzi tal-partijiet taht l-aspett ukoll qeghdin jigu wkoll respinti.

15. Nigu issa ghall-aggravju l-iehor, din id-darba min-naha ta' l-atturi appellati per via ta' l-appell incidentali

interpost minnhom. L-ewwel Qorti addottat percentwal, f'dak li huwa grad ta' dizabbilta` permanenti, ta' 35%. Trattandosi hawn ta' aspett altament tekniku l-ewwel Qorti (bhal din il-Qorti, del resto) ikollha taghti piz qawwi ghal dak li jkunu xehdu dwar il-punt it-tobba jew l-esperti medici. F'dan il-kaz kien hemm opinjoni medika kategorika moghtija mill-konsulent ortopediku Raymond Aquilina, ikkonsultat *ex parte* mill-atturi stess li f'relazzjoni dettaljata (ara Dok A1, a fol. 6 u 7 tal-process) *inter alia* jghid hekk in konkluzjoni (fol. 7):

"Apart from the fact that this boy has no left foot there are no other problems he has to face.

"For the reason already mentioned growth of the tibia on this side is not going to be normal.

He will need to change prosthesis quite frequently, at least until he finishes growth in his mid to late teens.

– Omissis –

"Above all Matthew is going to miss out on normal activities that boys go through while growing up.

"His permanent disability is 35%." (Sottolinear tal-Qorti).

Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, dak li gie stabbilit minn dan il-konsulent kien tali li jinkludi u jikkomprendi fih aspetti ohra, jigifieri mhux biss dawk strettament fizici, li setghu affettwaw lis-sinistrat in konsegwenza tal-incident. Pero` dan mhux bizzejjed. Tqabbad addizzjonalment bhala perit gudizzjarju l-konsulent Frederick Zammit Maempel li wkollipprezenta relazzjoni elaborata u li fiha (ara fol. 110-112) insibu hekk:-

"Ghalkemm b'rigel artificjali Matthew jimxi kwazi normali, in-nuqqas ta' gog ta' l-ghaksa u tal-pala jikkreja wkoll diffikulta` meta Matthew jigi biex jimxi fuq l-imharbat jew biex jitla' jigri jew biex jitla' tarag. Wiehed forsi jistenna wkoll effett psikologiku negattiv jew misthija wara grajja bhal din pero` Matthew jidher li accetta dan in-nuqqas, u ma joqghodx lura. L-effett ta' dan kollu fuq il-mobilita` ta'

Matthew huwa sostanzjali u stmat ta' 35% (hamsa u tletin fil-mija)." Sottolinear tal-Qorti.

Dikjarazzjonijiet aktar elokwenti minn dawn huwa difficli biex issibhom u l-Qorti toqghod fuqhom. Jirrizulta pero` li l-atturi xorta wahda ma kenux sodisfatti b'dawn ir-relazzjonijiet u talbu n-nomina ta' perit psikjatra/psikologu u l-ewwel Qorti akkordat l-istess talba. In precedenza pero` kienet giet konsultata d-Dottoressa Joan Camilleri "clinical psychologist" li fil-fatt ipprezentat relazzjoni. (ara fol. 173 – 174) fejn tat il-fehmiet taghha dwar diffikultajiet li seta' jiltaqa' maghhom il-minuri fl-izvilupp tieghu. Ebda percentwal ta' dizabilta` ma gie specifikat f'din ir-relazzjoni. Dan ma kienx bizzejjed. Giet nominata mill-Qorti s-sinjura Mariella Blackman bhala psikologa. Ghal xi raguni, l-atturi ma dehrux propensi fil-bidu li jidhru quddiem din il-perit u din, fin-nuqqas ta' direzzjoni specifika, spiccat biex tisma' x'kellha x'tghid il-konvenuta! In segwitu, l-atturi talbu s-sostituzzjoni ta' Blackman u ssuggerew minflokha lil Anna Cassar "li hija specjalista tat-tfal", liema talba giet michuda.

In data tal-31 ta' Mejju 2005 (fol. 369 tal-process) is-sinjura Mariella Blackman ipprezentat u halfet ir-relazzjoni taghha. F'dan ir-rapport hija kkonkludiet li b'rizultat tal-incident is-sinistrat kien ser jibqa' "f'dipendenza fuq l-ohrajn". Dwar grad ta' dizabilta` hija tghid espressament hekk (fol. 368):
"Ikun artificjali nikteb il-percentwal ta' dannu, ghax Matthew tilef l-aktar haga importanti ghal bniedem – l-indipendenza totali tieghu."

In segwitu, l-istess esperta giet mistoqsija in iskritt per via ta' eskussjoni xi grad ta' dizabbilita` baqa' jsofri Matthew Xerri. Din wiegbet b'rapport ta' faccata wahda (ara fol. 400) fejn regghet irrepetiet id-diffikultajiet li sab ruhu esposti ghalihom il-minuri minhabba l-amputazzjoni u harget b'percentwal ta' sebghin fil-mija (70%) bhala dizabilta`. Ezaminata in eskussjoni mid-difensuri tal-konvenuta (fol. 429 *et seq*) s-sinjura Blackman tistqarr li hija harget b'percentwal ghar-raguni li (ara fol. 433):

"... ... ... li l-Qorti baqghu jinsistu li jiena naghti persentagg tad-dannu psikologiku".

16. Din il-Qorti hija tal-fehma, bhal dik ta' qabilha, li l-percentwal suggerit mill-esperta psikologa huwa wiehed astronomiku, mhux sufficjentement immotivat u ma jikkonvincix bl-istess mod kif invece jikkonvincu iz-zewg relazzjonijiet medici antecedenti rilaxxjati mill-konsulenti Raymond Aquilina u warajh Frederick Zammit Maempel. Ghandu jinghad li dawn iz-zewg esperti mill-ewwel u bla titubanza jaghmluha cara li hadu in konsiderazzjoni <u>l-assem tal-fatturi kollha</u> li baqa' u ser jibqa' afflit bihom is-sinistrat, komprizi aspetti ta' natura psikologika – ezattament kif jinghad, mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Ghalhekk l-aggravju tal-atturi li l-grad ta' dizabilita` kellu jkun wiehed ta' 70%, jigifieri d-doppju ta' dak li gie addottat mill-ewwel Qorti, huwa nfondat u qieghed jigi respint.

17.1. Nigu issa ghall-aggravji dwar il-*quantum* tad-danni li jolqtu kemm id-*damnum emergens* kif ukoll il-*lucrum cessans*. L-aggravji relativi saru kemm fl-appell principali u kemm ukoll fl-appell incidentali u, bhal qabel, l-atturi jghidu li dawn kienu inferjuri mill-aspettativa taghhom mentri l-konvenuti jissottomettu li dawn kienu eccessivi.

17.2. Dwar id-*damnum emergens*, l-ewwel Qorti qasmet dan il-kap fi tnejn u illikwidat Lm2,950 bhala ammont minfuq mill-atturi ghall-bzonnijiet tal-minuri u Lm1,256 minfuq ghall-bzonnijiet tal-omm il-minuri, l-attrici, li sofriet ugiegh f'darha. Issa huwa minnu li jekk wiehed joqghod jifli bil-lenti kull "item" ta' danni reklamati mill-atturi taht dan il-kap, jibda jigi ffaccjat b'certi dubbji dwar fejn ghandu jaghmel linja ta' ammissibilita` imma, kollox maghdud, jidher li dan l-ezercizzju sar ukoll b'mod adegwat mill-ewwel Qorti. Dik il-Qorti jidher illi accettat parti mill-kontijiet u partiti li gew reklamati u skartat ohrajn. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa l-kaz li toqghod taghmel ezercizzju iehor hi b'apprezzament differenti. Jibqa' pero` l-fatt li meta l-ewwel Qorti ghamlet rikapitolazzjoni tad-*damnum emergens* u semmiet l-ammont ta' Lm4,200 bhala total, hija ma specifikatx bic-

car li minn dan l-ammont, l-atturi ghandhom jippercepixxu biss 70% tieghu, jigifieri Lm2,940, u kwindi taht dan l-aspett il-kjarifikazzjoni mitluba mill-konvenuti fir-rikors ta' appell hija gustifikata. Mill-bqija l-aggravji kollha relativi ghad-*damnum emergens*, qeghdin jigu respinti.

18. Nigu issa ghall-aggravji dwar il-*lucrum cessans*, u li dwaru, ghal darb'ohra, il-partijiet la qeghdin jaqblu mal-"multiplier" jew ma' l-ammont ta' paga bazika annwali li gew adottati mill-ewwel Qorti u lanqas mat-tnaqqis ta' Lm1,000 ghal fini ta' hlas "lump sum". L-ewwel Qorti bbazat il-kalkoli fuq l-ammont ta' Lm5,000 *per annum*. Skond il-konvenuti, tenut kont tal-fatt li l-paga minima nazzjonali kienet ta' Lm3,009.76 *per annum* u ma sar ebda tnaqqis minhabba "income tax" jew ghal kontribuzzjonijiet tas-sigurta` nazzjonali, tali ammont hu wiehed eccessiv. Min-naha l-ohra, l-appellati jargumentaw li tali somma "hija mizera fic-cirkostanzi, u ma taghmilx gustizzja mat-tifel".

19.1. Din il-Qorti assolutament ma tara xejn stramb, eccessiv, mizeru jew anormali f'dan l-ammont. Huwa minnu li l-Qrati taghna jvarjaw f'dak li huwa punt ta' tluq taht dan l-aspett, imma s-somma ta' Lm5,000 *per annum* bhala paga annwa hija ferm accettabbli. F'sentenza recenti fil-kawza fl-ismijiet **Teresa Monreal et. v. Piju Grech et**, deciza finalment minn din il-Qorti (diversament komposta) fil-31 ta' Ottubru 2008, giet applikata s-somma ta' Lm5,200 meta si trattava ta' tifel zghir. Dak li ghandu jirregola l-Qorti huwa l-element ta' ragjonevolezza u sens ta' bilanc b'referenza ghad-danni kagjonati u l-ammont finalment likwidat bhala kumpens. Ghalhekk l-aggravji taht dan l-aspett kemm ta' naha u kemm ta' ohra qeghdin jigu respinti.

19.2. It-tieni parti tal-aggravju in dizamina, li gie sollevat mill-konvenuti, jirrigwarda l-"multiplier" ta' hamsin (50) sena applikat mill-ewwel Qorti billi jghidu li dan huwa wiehed esagerat.

F'sentenza ohra ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Luana Deguara v. Judas (Guido) Taddeo sive Edwin Scicluna pro et**

**noe**, moghtija fit-30 ta’ Jannar 2009, din il-Qorti rriteniet li meta si tratta ta’ vittmi ta’ eta` zghira, “multiplier” li joxxilla bejn 35 – 40 sena huwa wiehed idoneju u accettabbli. Fil-fatt f’dik is-sentenza, gie addottat “multiplier” ta’ 35 sena mill-Qorti ta’ l-ewwel grad u din il-Qorti kkonfermatu ghar-ragunijiet li jissemmew fl-istess sentenza. Fis-sentenza fil-kawza **Monreal et v. Grech et** surreferita, il-Qorti tal-Appell addottat “multiplier” ta’ hamsa u tletin (35) sena wkoll meta l-vittma (kaz ta’ incident fatali) fiz-zmien tal-incident kienet prattikament tarbija. Tajjeb pero` jigi osservat in propozitu li fis-sentenza **Monreal et v. Grech et** intqal mill-ewwel Qorti li gej:
“Il-‘multiplier’ ta’ hamsa u tletin sena (35) ukoll, ghalkemm tradizzjonalment huwa l-oghla li jinghata, wasal il-waqt illi nqisuh mill-gdid, fid-dawl tal-fatt illi l-kwalita` tal-hajja u tal-kura medika qeghdin dejjem jitjiebu, in-nies qeghdin jghixu aktar fit-tul, u l-eta` meta tohrog bil-pensjoni x’aktarx, illi tizdied... ... ...”

Din il-Qorti, kif komposta, hija konkordi. Ghalhekk tenut kont tal-fatt li l-ewwel Qorti riedet taghti l-massimu li dehrilha li ghandu jinghata (50 sena) – tenut kont ta’ dak li kien jitqies in precedenza bhala ‘multiplier’ gholi (35 sena) u dak li ghandu jitqies bhala ragjonevoli u accettabbli <u>fil-prezent</u>, sejra tiffissa l-firxa tal-‘multiplier’ ghal wahda ta’ erbghin (40) sena – li jfisser ukoll li taht dana l-aspett, l-aggravju tal-konvenuti, ghall-fini ta’ riforma ’l isfel, qieghed jigi milqugh. Ghalhekk il-kalkoli dwar likwidazzjoni tad-danni qieghed jigi ridimensjonat kif gej:

L,5,000 X 40 ÷ 35% = Lm70,000.

70% ta’ dawn id-danni, dovuti mill-konvenuta appellanti, jgibu ghall-ammont ta’ Lm49,000, ekwivalenti llum ghas-somma ta’ €uro114,139.39c (mija u ebatax-il elf, mija u disgha u tletin ewro u disgha u ghoxrin centezmu).

19.3. L-ewwel Qorti naqset inoltre s-somma ta’ elf lira (Lm1,000) mill-ammont hekk likwidat minhabba hlas “lump sum”. L-appellanti jidhrilhom li dan kien ftit wisq. Mid-data tas-sentenza sal-lum ghaddew aktar minn sentejn. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm raguni valida biex tiddisturba din id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti.

Ghalhekk l-aggravju ulterjuri tal-konvenuti qieghed jigi respint. Fl-istess waqt isegwi li l-*lucrum cessans* ghandu jkun ta' Lm49,000 - Lm1,000 = Lm48,000.00, ekwivalenti llum ghal €111,809.92 (mija u hdax-il elf, tmien mija u disa' euro u tnejn u disghin centezmu).

20. Finalment, hemm aggravju iehor da parti tal-atturi appellati. Dawn jissottomettu li fil-kaz li din il-Qorti kellha tikkonferma (kif sejra fil-fatt taghmel) dik il-parti tas-sentenza dwar responsabbilita`, jigifieri fil-proporzjon ta' 70:30, allura l-ewwel Qorti kellha tapporzjona l-ispejjez gudizzjarji bl-istess mod u mhux, kif fil-fatt iddecidiet, takkolla terz fuq l-atturi u zewg terzi fuq il-konvenuta.

Issa apparti n-natura frivola ta' din il-lamentela, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kellha kull dritt li taqsam l-ispejjez fil-proporzjon imsemmi. Dan hu hekk kemm ghar-raguni li hija intitolata tuza d-diskrezzjoni taghha kif jidhrilha oportun – tenut kont ta' dak li gie deciz naturalment – imma ghaliex ukoll kien hemm diversi partiti u "claims" ohra zghar reklamati mill-atturi *per via* ta' danni li gew skartati mill-ewwel Qorti. Ghalhekk dan l-aggravju wkoll li gej min-naha tal-appellati iqieghed jigi respint.

**<u>Decide</u>**

21. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi dana l-appell billi filwaqt li tichad l-appell incidentali *in toto*, tilqa' biss *in parte* l-appell tal-konvenuti ghal fini ta' riforma tas-sentenza appellata billi tikkonfermaha *in toto* ghal dik il-parti li ghandha x'taqsam mar-responsabbilta` izda tirriformaha kwantu ghall-parti relattiva ghall-*quantum* tad-danni, u ghalhekk qeghda tirrevoka dik il-parti tas-sentenza u minflok, tiffissa l-*quantum* tad-danni li ghandhom jithallsu mill-konvenuta appellanti kif gej:

(i) *Damnum emergens*:-

70% ta' Lm4,200 = Lm2,940.00, ekwivalenti ghal €6,848.36c.

(ii) *Lucrum cessans*:-

70% ta’ Lm70,000 = Lm49,000, ekwivalenti llum ghal €114,139.29c.

(iii) Tnaqqis ta’ €2,329.37 (ghal “lump sum payment”), nett bilancjali €111,809.92c bhala *lucrum cessans.*

Dan igib it-total tad-danni kollha dovuta mill-konvenuta ghall-ammont ta’ Lm50,940, ekwivalenti llum ghal €118,658.28c (mija u tmintax-il elf, sitt mija u tmienja u hamsin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu), liema somma l-konvenuta qed tigi kkundannatha thallas lill-atturi flimkien ma’ l-interessi legali mid-data ta’ din is-sentenza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez gudizzjarji kwantu ghall-ewwel sentenza jibqghu kif gie deciz mill-ewwel Qorti. Kwantu ghat-tieni istanza, l-ispejjez tal-appell principali ghandhom jigu sopportati nofs bin-nofs (50:50) bejn l-atturi u l-konvenuti filwaqt li l-ispejjez relativi ghall-appell incidentali jibqghu unikament a kariku ta’ l-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------